  

# SAN GUZEPP INKURUNAT

TAGHRIF FUQ XBIHAT INKURUNATI TA' SAN GUZEPP MADWAR ID-DINJA.

**DAHLA**

**Dak li ser nitkellmu fuqu huwa dwar xbihat San Guzepp inkurunati kanonikament.**

**Inkurunazzjoni kanonika hija att formali tal-Papa, bhala Kap tal-Knisja li bis-sahha tieghu jinkuruna f'ismu, xbieha ta' Kristu, ta' l-Imqaddsa Vergni Marija jew San Guzepp f'ismu, liema xbihat jkunu meqjuma b'mod devozzjonali hafna f'djocesi jew lokalita' partikulari.**

**L-inkurunazzjoni generalment jwettqu minn prokuratur rapprezentattiv tal-Papa permezz tan-nunzju appostoliku mahtur ghall-pajjiz jew renju jew xi drabi legat papali jew f'xi okkazjonijiet rari mill-Papa nnifsu billi cerimonjalment iwahhal jew ipoggi kuruna, tjara jew raggiera stellari fuq l-immagini jew statwa devozzjonali.**

**Tajjeb nghidu li fid-dinja hawn 17 il-statwa jew xbieha ta' San Guzepp li huma nkurunati kanonikament, fosthom dik ta' San Guzepp, fir Rabat, Malta. It-taghrif li ser naghtu fuq l-ewwel**

**statwa Guzeppina nkurunata hija dik ta' San Guzepp ta' Kalisz**

**San Guzepp ta’ Kalisz - Polonja**



San Guzepp ta’ Kalisz inkurunat fil-15 ta’ Mejju 1796. Ix-xbieha tieghu tinsab venerata fil-Bazilka ta’ l-Assunzjoni go Kalisz, fil-Polonja.

**INKURUNAZZJONI AWTORIZZATA MINN PAPA PIJU VI.**

Lejla wahda fil-bidu tas-sena 1670, ragel xwejjah jismu Stobiena, li kien ibati minn marda serja li pparalizatu, dar lejn San Guzepp u talbu biex ifejqu u jerga’ jiehu sahhtu. Il-lejla ta’ wara l-Gharus Kastissmu ta’ Marija Vergni jidhirlu u jweghdu l-grazzja li jfieq jekk huwa jikkummissjona kwadru tas-Sagra Familja bil-kliem “Morru ghand Guzeppi” u joffrih lill-Knisja Kolleggjata ta’ Kalisz.

Stobiena fada’ dan ix-xoghol lil wiehed pittur Olandiz mill-iskola ta’ Rubens. Malli rcieva l-pittura, Stobiena bies il-kwadru b’devozzjoni l-aktar kbira u rega’ ha sahhtu mill-gdid u seta’ jimxi.

Ftit wara li waqqaf ix-xbieha fil-knisja, id-devoti ta’ dan il-qaddis bdew jircievu bosta u bosta grazzji.

Fl-arkivju tal-knisja jinsabu registrati mas-600 grazzja. Il-barka ta' San Guzepp qatt ma naqset ma' dawk li talbu l-intercessjoni tieghu.

X'tifsira ghandu l-kwadru?

Il-kwadru juri lit-tfajjel Gesu' flimkien mal-Vergni Marija fuq in-naha tax-xellug u San Guzepp fuq in-naha tal-lemin. Id-dehra taghhom tissuggerixxi  li huma qeghdin f'posizzjoni ta' mixi. Dan il-moviment ta' San Guzepp jissimbolizza r-ritorn ta' l-umanita' lejn Alla, mifdija bis-salib. Fuqhom hemm l-Ispirtu Qaddis ta' Alla rapprezentat skont it-Tradizzjoni bis-simbolu ta' Hamiema, li fuqha hemm Alla l-Missier.

It-tema ta' dan ix-xoghol hija l-paternita'. Il-vergnita' tal-paternita' tieghu hija rapprezentata bil-gilju abjad li jidher qed izomm f'idu x-xellugija. B'hekk il-kwadru joffri l-messagg li San Guzepp huwa missier l-erwieh kollha tad-dinja.

Il-fatt li Gesu' jidher qed izomm seba' San Guzepp juri li huwa jaccetta l-missjoni ta' San Guzepp bhala l-harries tieghu, filwaqt li meta jzomm seba' Marija Ssma huwa jaghrafha bhala Ommu.

Id-devozzjoni popolari u l-bosta mirakli attibwiti lil San Guzepp kienet il-bidu ta' zmien li fih kotrot il-

qima lejh. Dan il-fatt  gieghel lil awtorita' ekklezjastika Polakka biex tqis il-kwardu bhala oggett ta' devozzjoni fis-sena 1767 u aktar tard 1770 bhala mirakoluz.

Finalment gie nkurunat u miksi bil-fidda fis-sena 1796 mill-isqof Michał Kościesza Kosmowski li rraprezenta lill-Papa Piju VI. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja li, immagini ta' San Guzepp giet nkurunata flimkien ma' Gesu' u Marija. Din l-inkoronazzjoni biddlet xi ftit il-kontenut tal-pittura, meta gew mizjuda zewg fjuriet tal-gilju tal-fidda kemm lejn in-naha tal-lemin kif ukoll lejn ix-xellug ta' Gesu' kif ukoll xettru f'id Marija.

Id-Djocesi ta' Kujawy-Kalisz giet stabbilita fis-sena 1818 u San Guzepp kellu aktar tard ikun il-patrun qaddis taghha.

## TISSAHHAH ID-DEVOZZJONI LEJN SAN GUZEPP.

Il-kamp tal-Koncentrament ta' Dachau mmexxi minn Nazi fil-Germanja kien izomm fih numru kbir ta' sacerdoti specjalment Polakki maqfula go fih.

Huwa stmat li fost is-sacerdoti u isqfijiet pollaki li jkunu jlahhqu madwar 1773 mizmuna hemmhekk

matul it-tieni gwerra, 868 kienu maqtula mill-Germanizi.

Hekk kif it-telfa tal-Germanja kienet tinhass fil-qrib f'April tas-sena 1945, il-kap tal-kamp ordna li jeqirduh bin-nar u joqtlu l-prugunieri kollha. Is-sacerdoti ssuspettaw l-intenzjonijiet ta' l-ufficjal nazista u dawn, li hafna minnhom kienu mir-regjuni ta' Kalisz bdew novena lil San Guzepp, jitolbuh il-protezzjoni tieghu.

In-novena ntemmet ftit jiem qabel id-data li fih kellu jsehh il-massakru, fid-29 ta' April 1945. Il-pjan ta' l-amerikani kien li jiehdu kontroll tal-kamp gurnata wara, fit-30 ta' April.

Il-germanizi cedew mill-ewwel ghax hasbu li wara dan il-grupp kien hemm forza akbar amerikana. Fil-kamp instab dokument li kien iffirmat minn Heinrich Himmler fl-14 ta' April 1945 li jaghti istruzzjonijiet li l-kamp kellu jigi likwidat fid-29 ta' April fid-9pm, inqas minn erba sighat wara li s-suldati amerikani kienu hadu f'idejhom il-kamp.

Kulhadd kien konvint li kienet l-intercessjoni ta' San Guzepp li l-prugunieri ma iqatlux. Is-sacerdoti weghdu li jxerrdu d-devozzjoni lejn dan il-qaddis u baqghu jaghmlu pellegrinagg kull sena

**bhala radd il-hajr. L-ahhar sacerdot li miet minn dan il-grupp kien fis-sena 2013 fl-eta ta' 100 sena.**

**Il-Papa Pawlu VI eleva lil din il-knisja ghal grad ta' Bazilka minuri u l-Papa Gwann Pawlu II zar u talab f'dan is-Santwarju f'riglejn San Guzepp fis-sena 1997.**